Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Numru 228/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

Christina Muscat

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata Christina Muscat ta’ karta ta’ identita’ numru 114381(M), akkuzata talli:

F’dawn il-Gzejjer u cioe’ fil-Ghassa tal-Pulizija ta’ B’Kara u ta’ Tas-Sliema bejn it-28 ta’ Frar 2004 u l-4 ta’ Marzu 2004 f’hinijiet differenti bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu l’quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tistgha

tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat u dan ai terminu tal-Artikolu 110(1)(18) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess dati, postijiet u cirkostanzi u aktar anke gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta’ Tas-Sliema u ta’ San Giljan nhar is-6 ta’ Marzu 2004 iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai terminu tal-Artikolu 110(2) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Nhar il-5 ta’ Marzu, 2004 gewwa l-Belt Valletta fl-ufficju elettorali quddiem ufficjal awtorizzat li ghandu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament halef il-falz u dan ai terminu tal-Artikolu 108(1) ai terminu tal-Artikolu 9 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bejn it-28 ta’ Frar, 2004 u s-6 ta’ Marzu, 2004 b’diversi atti maghmulin b’rizoluzzjoni wahda gewwa il-gzejjer Maltin kien fil-pussess ta’ zewg dokumenti ta’ karta ta’ identita’ minghajr ma informa l-awtoritajiet kompetenti u minghajr ma irritorna l-istess dokument u dan ai terminu tal-Artikolu 12(2)(3) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bejn it-28 ta’ Frar, 2004 u s-6 ta’ Marzu, 2004 b’diversi atti maghmulin b’rizoluzzjoni wahda gewwa il-gzejjer Maltin ma ikkontemplax ruhu mar-regolamenti tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta’ Malta billi xjentemnent holoq tracci fuq l-istess dokument ta’ karta ta’ l-identita’ li jikser d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 12 tal-istess Kap, u ta informazzjoni falza lill-ufficjal inkarigat mill-ufficju tal-Karta tal-identita’ u dan ai terminu tal-Artikolu 14(1)(2)(a) u (b) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bejn it-28 ta’ Frar, 2004 u s-6 ta’ Marzu, 2004 f’hinijiet u lokalitajiet differenti fil-Gzejjer Maltin b’diversi atti maghmulin b’rizoluzzjoni wahda b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann jew wera haga b’ohra sabiex igieghel li titwemmen l-esiztenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi

grajja kimerika, ghamel qliegh b'mezz iehor bi hsara ta' Gauda Sahoes, J. Bonello ta' Bonello Stores, David Abela (ta' Sylvia's secret Collection), One Fashion Ltd (Miss Sixty), Cyka Ltd (Parfois), Go Go Company Ltd (tal-hanut Morgan), SAK Ltd (tal-hanut The Body Shop), Trussardi Sports shop, Bibi Ltd, M & A Holdings Ltd (ta' Swish Shop), Victor's Pharmacy, Coney Enterprises Ltd (ta' Tower shoes), Minerva trading Ltd (tal-hanut OSC), Frank's the Perfumery, Frank's 57 u Bank of Valletta PLC u dan ai terminu tal-Artikoli 18 u 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni f'din l-ewwel udjenza fl-liema ammissjoni hi nsistiet anke wara li l-Qorti taghta zmien tikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputata jittrattaw:

- il-holqien qarrieqi ta' provi foloz (Artikolu 110(1)(2) tal-Kap9)
- il-gurament falz (Artikolu 108 tal-Kap 9)
- l-uzu l-pussess ta' karta ta' identita' (Artikolu 12(2)(3) tal-Kap 258)
- t-truffa jew il-qerq innominat kunsidrat bhala reat kontinwat.

Illi irrespettivament minn kull ammissjoni tal-imputata liema ammissjoni f'kull kaz hi wahda volontarja u nkondizzjonata jirrisulta mill-atti illi l-imputazzjonijiet kif evidenzjat mill-istqarrija taghha kollha jreggu. F'dan il-kuntest u skond l-atti jinsabu ghalhekk sodisfacjentement ippruvati l-ewwel, it-tieni, r-raba, il-hames u s-sitt akkuza sakemm tissussisti fil-fatt tat-truffa.

Tiddisponi ghalhekk, fuq ammissjoni tal-imputata, wara li rat l-Artikolu 110, 108, 308, 17 u 31 tal-Kap 9 u l-Artikolu 12(2)(3) tal-Kap 258, ukoll wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputata rritornat l-affarijiet kollha u l-fedina penali

netta taghha li tilliberha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor zmien sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tal-karta ta’ l-identita’ esebita fl-atti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------